Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B IR-REGOLAMENT (KE) Nru 733/2002 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-22 ta' April 2002

dwar l-implimentazzjoni tal-Qasam ta' l-Oghla Livell EU.

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 113, 30.4.2002, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew U tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008	L 311	1	21.11.2008
►M2	Regolament (UE) 2019/1243 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019	L 198	241	25.7.2019

▼B

IR-REGOLAMENT (KE) Nru 733/2002 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-22 ta' April 2002

dwar l-implimentazzjoni tal-Qasam ta' l-Ogħla Livell EU.

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Għan u kamp ta' l-applikazzjoni

1. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jimplimenta il-qasam ta' l-ogħla livell tal-kodiċi *.eu* tal-pajjiż. (ccTLD) ġewwa l-Komunità. Dan ir-Regolament jistipula l-kondizzjonijiet għal din l-implimentazzjoni, inkluża n-nomina ta' Reġistru, u jistabbilixxi l-kwadru ġenerali tal-politika li fiha r-Reġistru għandu jiffunzjona.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti fl-Istati membri fir-rigward ta' ccTLDs nazzjonali.

Artikolu 2

Tifsiriet

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "Reġistru" tfisser l-entità fdata bl-organizzazzjoni, l-amministrazzjoni u l-immaniġġjar ta' *.eu* TLD inkluża l-manutenzjoni tad-*databases* korrispondenti u s-servizzi pubbliċi ta' mistoqsijiet assoċjati, ir-reġistrazzjoni ta' l-ismijiet ta qasam, l-operazzjoni tar-Reġistru ta' l-ismijiet ta' qasam, l-operazzjoni tas-*servers* ta' l-ismijiet tar-reġistru TLD u d-disseminazzjoni ta' *files* taż-żona TLD;

(b) "Reġistratur" tfisser persuna jew entità li, permezz ta' kuntatt mar-Reġistru, tipprovdi servizzi ta' reġistrazzjoni ta' l-ismijiet ta' qasam lir-reġistranti.

Artikolu 3

Karatteristiċi tar-Reġistru

1. Il-Kummissjoni għandha:

▼M2

(a) tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5a sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi jiġu stabbiliti l-kriterji u l-proċedura għad-dežinjazzjoni tar-Reġistru.

Meta, fil-każ tal-istabbiliment tal-kriterji u l-proċedura għad-dežinjazzjoni tar-Reġistru, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, jenħtieġ li l-proċedura prevista fl-Artikolu 5b tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu;

▼B

(b) tinnomina, skond il-proċedura msemmija f'Artikolu 6(2), ir-Reġistru wara li tippublika sejħa għall-espressjoni ta' interess fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u wara l-proċedura għal dik is-sejħa tkun tlestiet;

(ċ) tidħol, skond il-proċedura msemmija f'Artikolu 6(2), f'kuntratt li għandu jispeċifika l-kondizzjonijiet li skond dawn il-Kummissjoni tissorvelja l-organizzazzjoni, l-amministrazzjoni u l-immaniġġjar ta'

▼B

.eu TLD mir-Reġistru. Il-kuntratt bejn il-Kummissjoni u r-reġistru għandu jkun għal żmien limitat u għandu jkun jista' jiġġedded.

Ir-Reġistru m'għandux ikun jista' jaċċetta reġistrazzjonijiet sakemm il-politika tar-reġistrazzjoni tkun f'postha.

2. Ir-Reġistru għandu jkun organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt, kostitwit skond il-liġi ta' l-Istat Membru u li jkollu l-uffiċċju reġistrat tiegħu, l-amministrazzjoni ċentrali u l-post prinċipali tan-neġozju ġewwa l-Komunità.

3. Wara li jkun kiseb il-kunsens minn qabel mill-Kummissjoni, ir-Reġistru għandu jidħol f'kuntratt kif xieraq li jipprovdi għad-delega tal-kodiċi.eu ccTLD. Għal dan il-għan il-prinċipji relevanti adottati mill-Kumitat Konsultattiv Governattiv għandhom ukoll jiittieħdu f'konsiderazzjoni.

4. Ir-Reġistru *.eu* TLD m'għandux jaġixxi hu stess bħala Reġistratur.

Artikolu 4

Obbligi tar-Reġistru

1. Ir-Reġistru għandu josserva r-regoli, il-politika u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-kuntratti msemmija f'Artikolu 3. Ir-Reġistru għandu josserva proċeduri trasparenti u mhux diskriminatorji.

2. Ir-Reġistru għandu:

(a) jorganizza, jamminsitra u jimmaniġġja l-*.eu* TLD fl-interess ġenerali u fuq il-bażi tal-prinċipji tal-kwalità, effiċjenza, fidabilità u aċċessibilità;

(b) jirreġistra ta' l-ismijiet ta' qasam ta'*.eu* TLD permezz ta' Reġistratur.eu akkreditat mitlub minn kull:

(i) impriża li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju ġewwa l-Komunità, jew

(ii) organizzazzjoni stabbilita fil-Komunità mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali, jew

(iii) persuna naturali residenti ġewwa l-Komunità;

(ċ) jimponi tariffi direttament relatati ma' l-ispejjeż magħmula;

(d) jimplimenta politika ta' soluzzjonijiet *extra*-ġudizzjarji ta' konflitti bbażata fuq l-irkupru ta' l-ispejjeż u proċedura biex tirriżolvi malajr disputi bejn detenturi ta' l-ismijiet ta' qasam fir-rigward ta' drittijiet li jirrelataw ma' ismijiet inklużi drittijiet ta' proprjetà intellettwali kif ukoll disputi b'relazzjoni ma' deċiżjonijiet individwali mir-reġistru. Din il-politika għandha tiġi adottata skond Artikolu 5(1) u tieħu kont tar-rakkomandazzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Dinjija dwar il-Proprjetà Intellettwali. Il-politika għandha tipprovdi garanziji adegwati proċedurali għall-partijiet konċernati, u għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal kull proċedura fil-qrati;

(e) jadotta proċeduri għal, u jwettaq, akkreditazzjoni ta' Reġistraturi.eu u jassigura kondizzjonijiet effettivi u ġusti ta' kompetizzjoni fost ir-Registraturi *.eu*;

▼B

(f) jassigura l-integrità tad-*databases* ta' l-ismijiet ta' qasam.

Artikolu 5

Kwadru tal-politika

▼M1

1. ►M2 Wara li tikkonsulta dan ir-Reġistru, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5a sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli tal-politika pubblika dwar l-implimentazzjoni u l-funzjoni tat-TLD.eu u l-prinċipji tal-politika pubblika dwar ir-reġistrazzjoni. ◄

Il-politika pubblika għandha tinkludi:

(a) politika dwar is-soluzzjoni *extra*-ġudizzjarja ta' konflitti;

(b) politika pubblika dwar reġistrazzjoni spekulattiva u abużiva ta' ismijiet ta' qasam inkluża l-possibbiltà ta' reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' qasam f'fażijiet biex jiġu assigurati opportunitajiet temporanji adegwati għad-detenturi ta' drittijiet li kienu jeżistu qabel rikonoxxuti jew stabbiliti bil-liġi nazzjonali u/jew tal-Komunità u biex korpi pubbliċi jirreġistraw isimhom;

(ċ) politika dwar il-possibiltà tar-revokazzjoni ta' ismijiet ta' qasam, inkluża l-kwistjoni ta' *bona vacantia*;

(d) kwistjonijiet dwar il-lingwa u kunċetti ġeografiċi;

(e) it-trattament ta' proprjetà intellettwali u drittijiet oħra.

▼B

2. Fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'lista limitata ta' ismijiet rikonoxxuti b'mod wiesa' fir-rigward ta' kunċetti ġeografiċi u/jew ġeopolitiċi li jeffettwaw l-organizzazzjoni politika jew territorjali tagħhom li jistgħu jew:

(a) li ma jiġux reġistrati, jew

(b) li jiġu reġistrati biss taħt qasam tat -tieni livell skond ir-regoli tal-politika pubblika.

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lir-Reġistru mingħajr dewmien bil-lista ta' l-imijiet notifikati li għalihom japplikaw dawk il-kriterji. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista fl-istess żmien li tinnotifika lir-Reġistru.

▼M2

Meta Stat Membru jew il-Kummissjoni jqajmu oġġezzjoni, fi żmien 30 jum mill-pubblikazzjoni, għal oġġett inkluż f'lista nnotifikata, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 5a sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni billi tissupplimenta dan ir-Regolament.

▼B

3. Qabel ma jinbdew l-operazzjonijiet tar-reġistrazzjoni, ir-Reġistru għandu jadotta l-politika inizjali ta' reġistrazzjoni għall-*.eu* TLD b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u partijiet oħra nteressati. Ir-Reġistru għandu jimplimenta fil-politika ta' reġistrazzjoni r-regoli tal-politika pubblika adottati skond il-paragrafu 1, waqt li jittieħe kont tal-listi ta' eċċezzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

▼B

4. Il-Kummissjoni għandha perjodikament tinforma lill-Kumitat imsemmi f'Artikolu 6 dwar l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

▼M2

Artikolu 5a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 5(1) u (2) għal perijodu ta' ħames snin mis-26 ta' Lulju 2019. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi tal-istess tul, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonax għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(1) u fl-Artikolu 5(1) u (2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1]).

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 5(1) u (2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijodu ta' xahrejn minnotifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 5b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

▼M2

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 5a(6). F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att immedjatament wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

▼M1

Artikolu 6

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet stabbilit bl-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju komuni li għandu x'jaqsam man-networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Kwadru) ([1]).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

▼M2

_____

▼B

Artikolu 7

Riżervazzjoni ta' drittijiet

Il-Kummissjoni għandha żżomm id-drittijiet kollha li jirrelataw ma' l-*.eu* TLD inkluż, b'mod partikolari, id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u drittijiet oħra tad-*databases* tar-Reġistru meħtieġa biex jassiguraw l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u d-dritt li tinnomina mill-ġdid ir-Reġistru.

Artikolu 8

Rapport ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni, l-effettività u l-iffunzjonament ta'*.eu* TLD sena wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u wara dan kull sentejn.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.